MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 261/2010

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur A B wara li ppremetta:-

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg bejniethom fis-sittax (16) ta’ Mejju tas-sena 1981, minn liema zwieg il-partijiet kellhom erba’ ulied senjatament Natasha li twieldet fis-16 ta’ Lulju, 1982, Charlene li twieldet fl-20 ta’ Ottubru 1983, Leanne li twieldet fit-18 ta’ April 1988 u Rachel li twieldet fit-8 ta’ Settembru 1990, illum ilkoll maggorenni u finanzjarjament indipendenti.

2. Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti de quo gie dikjarat null kemm mit-Tribunal Ekklezjastiku Malti u kif ukoll mill-

Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Civili) fil-hmistax ta’ Settembru tas-sena 2008;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 29 ta’ Mejju 1996 in atti Nutar Anthony Grech Trapani;

4. Illi ai termini tal-klawsola numru sebgha tal-kuntratt precitat, r-rikorrenti obbliga ruhu a favur il-konvenuta illi jhallas l-ammont ta’ mija u sebghin Lira Maltija ekwivalenti ghal tlett mija u hamsa u disghin ewro u disgha u disghin ewro centezmu (€395.99) fix-xahar, bhala retta alimentarja ghaliha;

5. Illi f’ dan ir-rigward ir-rikorrenti jirrileva bir-rispett illi l-imsemmi ftehim milhuq bejn il-partijiet, rigwardanti l-pagament tal-manteniment versu l-konvenuta ghandu jieqaf stante l-fatt illi l-konvenuta martu hija kemm abbli u kif ukoll kapaci illi tahdem u fil-fatt l-ewwel kellha mpjieg regolari mal-Hotel Imperial, Sliema u sussegwentement giet ingaggata mis-socjeta’ Alpha Trade ta’ Hal Qormi fejn hija tahdem minghajr ktieb;

6. Illi di piu’, il-konvenuta ghandha relazzjoni permanenti ma’ terza persuna u bi hsiebha tizzewweg fil-futur;

7. Illi ghar-ragunijiet premessi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment minghand ir-rikorrenti;

8. Illi fil-frattemp, r-rikorrenti rega’ zzewweg u minn dan iz-zwieg ghandu zewg ulied li ghadhom minorenni u jiddependu ghal kollox fuqu;

9. Illi dan il-kaz gie debitament riferut ghall-medjazzjoni izda tali medjazzjoni ghal darba, darbtejn baqghet ma sehhitx u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti b’ digriet datat 2 ta’ Lulju 2010, ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu b’ kawza ghal separazzjoni legali fit-termini impost mil-ligi;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

11. Illi r-rikorrenti jaf b' dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi r-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna c-cessjoni ta' l-obbligu da parti tar-rikorrenti illi jissomministra lill-konvenuta r-retta alimentari li huwa tenut li jissomministra ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni u konsegwentement thassar u tirrevoka l-klawsola numru sebgha tal-kuntratt ta' separazzjoni precitat u dan minhabba l-fatt illi llum il-gurnata z-zwieg ta' bejn il-kontendenti gie dikjarat null u fit-tieni lok ghaliex il-konvenuta kapaci u abbli tahdem u di piu' ghandha impjieg;

2. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi u dan ai termini ta' dak illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet de quo u tinnomina kuraturi sabiex jidhru fuq dan l-att fl-eventwali kontumacja tal-konvenuta;

U dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda indikata mill-attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D E li permezz taghha iddikjarat:-

1. Illi fl-ewwel lok, kif mahsub skont l-Att dwar iz-Zwieg senjatament fejn l-istess att jipprovdi dwar l-obbligu tal-hlas tal-manteniment wara d-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg, l-esponenti ghadha ntitolata li tircievi l-manteniment minghand ir-rikorrenti. Konsegwentement it-talba ta' l-istess rikorrent in bzai ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg tal-partijiet mhijix sostenibbli legalment.

2. Illi fit-tieni lok, lanqas ma hija sostenibbli t-talba tar-rikorrent in bazi ghar-raguni minnu avanzata illi l-esponenti kapaci tahdem, “u di piu’ ghandha impjieg” (haga li mhix minnha). Skont il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet, gie pattwit illi l-esponenti titlef id-dritt li tippercepixxi l-manteniment minghand zewgha fil-kaz li hija “tibda tikkoabita regolarment ma’ haddiehor”, u mhux ukoll ghaliex tista’ tahdem jew fil-fatt ikollha impjieg.

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenuta.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**PROVI**

Mill-provi imressqa jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta’ Mejju 1981, minn liema zwieg kellhom erbat itfal, illum ilkoll maggorenni u finanzjarjament indipendenti. Il-partijiet isseparaw b’kuntratt ippubblikat fid-29 ta’ Mejju 1996. B’decizzjoni moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta tas-27 ta’ Lulju 2007 u konfermata b’Digriet ta’ Ratifika tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fid-19 ta’ Mejju 2008, iz-zwieg kattoliku ta’ bejn il-partijiet gie dikjarat null, liema decizzjonijiet gew rikonoxxuti mill-Qorti tal-Appell li b’decizzjoni tal-15 ta’ Settembru 2008 ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-imsemmija decizjoni definittiva dwar in-nullita taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet. Fit-28 ta’ Gunju 2009 l-attur rega’ zzewweg u minn dan iz-zwieg ghandu zewgt itfal li sallum ghadhom minorenni u dipendenti fuqu. Il-konvenuta baqghet toqghod fid-dar matrimonjali flimkien mal-erbat itfal tal-partijiet.

L-attur xhed illi huwa dahal jahdem mal-Korp tal-Pulizija fit-23 ta’ Settembru 1987 fejn ghadu jahdem sallum. Spjega illi huwa dejjem hallas il-manteniment pattwit fil-

kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, sew versu l-erba' uliedu meta kienu minorenni kif ukoll sallum versu l-konvenuta. Il-manteniment li l-attur ihallas lill-konvenuta jammonta ghal €317.00 fix-xahar. Inoltre huwa ghandu pagament mensili iehor ta' €230.00 pagabbli lill-HSBC Bank Malta p.l.c. rapprezentanti hlas lura ta' self in konnessjoni mal-fond fejn illum jabita flimkien mal-familja gdida tieghu. L-attur isostni li irrispettivament jekk il-konvenuta tahdimx jew le, hija ghandha d-dover li ssib impieg u mhux tiddependi mill-manteniment tieghu.

Xehed Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, prodott mill-attur, li spjega illi l-konvenuta kienet ghamlet fil-passat applikazzjonijiet ghall-ghajnuna socjali izda t-talbiet taghha kienu kollha gew rifjutati in kwantu irrizulta li ma kenitx intitolata tenut kont tal-manteniment li kienet qed tircevi minghand l-attur.

Il-konvenuta xhedet illi mis-separazzjoni 'l hawn hija hadmet ghal madwar sena biss ma' kumpanija u dan circa sittax-il sena ilu. L-erbat itfal baqghu jghixu maghha kif ghadhom sallum, ghalkemm tlieta minnhom jahdmu. Il-manteniment li kien ihallas l-attur ghat-tfal kien jinkludi l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u s-sahha. Ipprezentat kopja tas-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku li permezz taghha iz-zwieg tal-partijiet kien gie annullat.

Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2012 l-Avukat tal-konvenuta informa illi l-konvenuta kienet ser tizzewweg fis-16 ta' Marzu 2012 u li minn dik id-data 'l quddiem ma kenitx ser tippretendi aktar manteniment minghand l-attur filwaqt li fis-seduta tat-3 ta' April 2012 il-Qorti giet informata li fil-fatt il-konvenuta kienet izzewget fl-imsemmija data.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2012 fejn il-partijiet iddikjaraw li qed jaghlqu l-provi taghhom u talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza, sew fuq il-mertu kif ukoll fuq il-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet ghalhekk differita ghal-lum ghas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni u d-Difiza**

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob is-segwenti:-

1. Li l-Qorti tiddikjara "ic-cessjoni", recte "ic-cessazzjoni", tal-obbligu tal-attur naxxenti mill-kuntratt precitat li jhallas manteniment lill-konvenuta, u konsegwentement

2. Li l-Qorti "thassar u tirrevoka" klawsola numru 7 fuq imsemmija, u dan ghal dawn ir-ragunijiet:-

(i) minhabba l-fatt li llum il-gurnata iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti gie dikjarat null,
(ii) minhabba l-fatt li l-konvenuta kapaci u abbli tahdem u di piu' ghandha mpieg.
(iii) Minhabba li l-konvenuta "ghandha relazzjoni permanenti ma' terza persuna u bi hsiebha tizzewweg fil-futur".

Id-difiza tal-konvenuta hija s-segwenti:-

1. Tinvoka l-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255) li jipprovdi li min ikun responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg, ikun obbligat ihallas manteniment lill-parti l-ohra li tkun in *buona fidi*, u dan ghal perijodu ta' hames snin, liema obbligu jispicca jekk il-parti in *buona fidi* tizzewweg matul dak iz-zmien (Artikolu 20 (5) ).
2. Tikkontesta l-allegazzjoni li ghandha impieg.
3. Tikkontesta t-talba tal-attur ghac-cessazzjoni tal-manteniment fuq il-premessa li l-konvenuta kapaci tahdem, stante li l-kuntratt isemmi l-koabitazzjoni regolari ma' haddiehor bhala raguni ghac-cessazzjoni tal-manteniment u mhux il-kapacita' lavorativa tal-konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet**

Fir-rigward tal-pagament tal-manteniment da parti tal-attur lill-konvenuta, l-artikolu 7 tal-kuntratt tas-separazzjoni

konsenswali ta' bejn il-partijiet in atti Nutar Anthony Grech Trapani tad-29 ta' Marzu 1996 jipprovdi illi:-

"Il-komparenti A B jobbliga ruhhu li jivversa retta alimentarja mensili ta' mitejn u hamsin lira ta' Malta (Lm250) li minnhom mija u sebghin lira ta' Malta (Lm170) huma destinati ghall-manteniment ta' martu………"

Artikolu 15 tal-istess kuntratt jipprovdi illi:-

"F'kaz li l-komparenti C D B tibda tikkoabita regolarment ma' haddiehor, allura hija titlef id-dritt li:-
(a) tibqa' tabita fil-precitata dar;
(b) tippercepixxi minghand zewgha l-manteniment hawn patwit;"

Il-partijiet m'humiex jaqblu dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-ahhar artikolu 15.

Fl-ewwel lok l-attur jikkontendi illi gialadarba z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null allura ghandu jkun hemm cessazzjoni tal-hlas tal-manteniment lill-konvenuta. Minn ezami tal-Att dwar iz-Zwieg, l-annullament taz-zwieg ma jgibx ic-cessazzjoni awtomatika tal-obbligu tal-hlas tal-manteniment. Artikolu 20 sub-inciz 8 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi il-parti fiz-zwieg annullat li tkun in *buona fidi* ghandha dritt titlob li l-manteniment lilha dovut jibqa' jithallas sa hames snin mid-data tal-annullament. Irrizulta li d-decizzjonijiet tat-Tribunali Ekklezjastici li ppronunzjaw li z-zwieg tal-partijiet kien null gew rikonoxxuti mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-15 ta' Settembru 2008. Sallum ghadhom ma ghaddewx hames snin. Inoltre jirrizulta mis-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku illi l-konvenuta kienet il-parti in *buona fidi* u ghalhekk ghandha kull dritt li tezigi li tibqa' tithallas il-manteniment pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali sa zmien hames snin mill-15 ta' Settembru 2008 sakemm ma ticcelebrax iz-zwieg ma' haddiehor f'dak il-perijodu. Effettivament il-konvenuta izzewget fis-16 ta' Marzu 2012 u ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 20 (8) fuq citat id-dritt taghha li titlob manteniment

minghand l-attur gie fi tmiemu b'effett mis-16 ta' Marzu 2012.

L-attur jikkontendi wkoll illi una volta l-konvenuta ghandha relazzjoni stabbli ma' persuna ohra bi skop ta' zwieg allura m'ghandux jibqa' vinkolat bil-kuntratt li jhallas manteniment lill-konvenuta ai termini tal-kuntratt. Il-konvenuta, min-naha taghha, tikkontendi illi gialadarba l-kuntratt jistipula espressament li l-konvenuta titlef id-dritt li tippercepixxi l-manteniment jekk tkun qed "tikkoabita regolarment ma' haddiehor", il-fatt li hi gharusa lil xi hadd bl-iskop li tizzewgu, pero' minghajr ma tghix mieghu, ma jwassalx ghat-telf tad-dritt li tippercepixxi manteniment.

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-konvenuta.

In materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti issir referenza ghall-artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni."

Mill-provi mressqa ma jirrizulta minn imkien li l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' haddiehor la fil-perijodu antecedenti l-intavolar tal-kawza odjerna u lanqas wara.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha il-konvenuta taghmel referenza ghall-sentenza ohra bejn l-istess partijiet moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003, istitwita mill-istess attur kontra l-istess konvenuta fejn *inter alia* kien talab lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta qed tikkoabita ma' ragel iehor. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza imsemmija u jirrizulta li anke f'dik il-kawza l-Qorti kienet ikkonkludiet li l-attur ma ressaq l-ebda provi li juru li l-konvenuta kienet qed tikkoabita ma' haddiehor.

Fil-premessi tal-kawza odjerna l-attur ma jallegax li l-konvenuta qed tikkoabita ma' haddiehor izda jippremetti li "… il-konvenuta ghandha relazzjoni permanenti ma' terza persuna u bi hsiebha tizzewweg fil-futur." Huwa evidenti

illi relazzjoni ta' gherusija minghajr koabitazzjoni ma hiex ekwivalenti ghal koabitazzjoni. Il-kuntratt huwa car f'dan ir-rigward. Ma jipprovdiex li l-manteniment jintilef jekk il-konvenuta jkollha relazzjoni ma' haddiehor izda biss jekk "tibda tikkoabita regolarment ma' haddiehor".

Premessa ohra li fuqha qed jistrieh l-attur hi li "l-pagament tal-manteniment versu l-konvenuta ghandu jieqaf stante l-fatt illi l-konvenuta martu hija kemm abbli u kif ukoll kapaci li tahdem ………".

Ma hemm xejn fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet illi l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta kellu jieqaf jekk il-konvenuta tibda tahdem, wisq inqas jekk tkun kapaci tahdem izda mhiex tahdem. Il-principju "pacta sunt servanda" huwa radikat fl-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.
(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."

Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Gloria Beacom et vs. Anthony Spiteri Stianes" deciza fil-5 ta' Ottubru 1998, il-principju regolatur huwa li *pacta sunt servanda*, u cioe' dak li ftehmu l-partijiet liberament jikkostitwixxi ligi bejniethom, u ma jistax jigi varjat jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew fil-kaz ta' mpossibilita' reali tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Ghalkemm mhux eskluz li l-oneru tal-attur li jmantni lil ex-martu u fl-istess hin irabbi familja b'zewg itfal huwa fih innifsu oneru finanzjarju mhux zghir, dan ma jwassalx ghal sitwazzjoni ta' impossibilta' reali li jezegwixxi l-obbligu kontrattwali tieghu. Fil-fatt anke l-istess attur qatt ma ressaq bhala raguni l-impossibilta' li jezegwixxi l-oneru kontrattwali tieghu.

Stante li l-konvenuta izzewget lil terz fil-mori tal-kawza, b'applikazzjoni tar-regola tal-*jus superviens*, il-Qorti sejra

tiddikjara illi l-konvenuta tilfet id-dritt li titlob manteniment minghand l-attur b'effett mid-data taz-zwieg taghha mat-terz. Din id-dikjarazzjoni gudizzjarja ser tinghata allavolja l-konvenuta ma kenitx qeghda tippretendi manteniment minghand l-attur wara d-data taz-zwieg taghha mat-terz. Pero' jkun fl-ahjar interess tal-partijiet illi l-posizzjonijiet legali tal-partijiet fir-rigward tigi inkorporata f'dikjarazzjoni gudizzjarja.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

Filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tichad it-talbiet kollha attrici kif dedotti fir-rikors guramentat. Tiddikjara pero' illi l-konvenuta m'ghandiex dritt titlob manteniment minghand l-attur b'effett mis-16 ta' Marzu 2012.

Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------